DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE Nru 206/2020

tal-11 ta' Diċembru 2020

li temenda l-Anness IV (Enerġija) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE [2023/2008]

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ('il-Ftehim dwar iż-ŻEE'), u b'mod partikolari l-Artikoli 86 u 98 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/1485 tat-2 ta' Awwissu 2017 li jistabbilixxi linja gwida dwar it-tħaddim tas-sistema ta' trażmissjoni tal-elettriku ([1]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim dwar iż-ŻEE.

(2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/1485 ma japplikax għal sistemi ta' trażmissjoni fuq gżejjer li mhumiex konnessi ma' sistemi ta' trażmissjoni oħra ta' trażmissjoni permezz ta' interkonnessjonijiet.

(3) Billi s-sistema ta' trażmissjoni tal-Iżlanda mhijiex konnessa ma' sistemi ta' trażmissjoni oħrajn, jenħtieġ li r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/1485 ma japplikax għall-Iżlanda.

(4) Minħabba d-daqs żgħir tiegħu u l-għadd limitat ta' klijenti tal-elettriċità, il-Liechtenstein ma għandux network tat-trażmissjoni tal-elettriċità tiegħu stess. Jenħtieġ għalhekk, li r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/1485 ma japplikax għal-Liechtenstein.

(5) Ir-referenzi għall-Operaturi tas-Sistema ta' Trażmissjoni (Transmission System Operators, 'TSOs'), għall-Operaturi tas-Sistema ta' Distribuzzjoni (Distribution System Operators, 'DSOs'), għall-Utenti Sinifikanti tal-Grilja (Significant Grid Users, 'SGUs'), għall-awtoritajiet regolatorji, għall-partijiet ikkonċernati u għall-entitajiet maħtura jenħtieġ li jinftiehmu li jinkludu t-TSO, id-DSOs, l-SGUs, l-awtorità regolatorja, il-partijiet ikkonċernati u l-entitajiet maħtura li jirrappreżentaw lin-Norveġja.

(6) Waqt l-iżvilupp bi sħab tat-termini, tal-kundizzjonijiet u tal-metodoloġiji skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/1485, huwa essenzjali li l-informazzjoni kollha meħtieġa tkun ippreżentata mingħajr dewmien. Jenħtieġ li l-kooperazzjoni mill-qrib bejn it-TSOs u r-regolaturi tiżgura li l-informazzjoni sensittiva, bħal informazzjoni dettaljata dwar is-substazzjonijiet tal-elettriku, is-sit eżatt tat-trażmissjoni taħt l-art, l-informazzjoni dwar is-sistemi ta' kontroll u l-analiżi dettaljata tal-vulnerabbiltajiet, li tista' tintuża għas-sabotaġġ, tiġi protetta b'mod effettiv f'dan il-proċess tal-iżvilupp ta' termini, kundizzjonijiet jew metodoloġiji. Biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni effettiva ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li fil-kooperazzjoni man-Norveġja jiġi stabbilit l-istess livell ta' kooperazzjoni rigward l-iskambju tal-informazzjoni u l-protezzjoni ta' informazzjoni sensittiva.

(7) L-input mill-partijiet ikkonċernati ewlenin kollha fl-iżvilupp ta' termini, kundizzjonijiet u metodoloġiji reġjonali jew taż-ŻEE kollha, li jistgħu jsiru vinkolanti permezz ta' approvazzjoni regolatorja, huwa kruċjali għal qafas regolatorju transfruntier effettiv. Jenħtieġ għalhekk, li t-TSOs u l-partijiet ikkonċernati l-oħra jipparteċipaw fil-proċessi għall-iżvilupp ta' proposti għal termini, kundizzjonijiet u metodoloġiji kif stabbilit fid-diversi dispożizzjonijiet fir-Regolament (UE) 2017/1485. It-TSO Norveġiż jenħtieġ li, b'mod partikolari, jipparteċipa fit-teħid tad-deċiżjonijiet tal-partijiet ikkonċernati b'mod simili għat-TSOs li jirrappreżentaw Stat Membru tal-UE.

(8) F'dak li għandu x'jaqsam ma' proposti reġjonali jew għall-Unjoni kollha, meta l-approvazzjoni tal-proposti mit-TSOs tirrikjedi deċiżjoni minn aktar minn awtorità regolatorja waħda, jenħtieġ li l-awtoritajiet regolatorji jikkonsultaw u jikkooperaw mill-qrib biex jilħqu ftehim qabel l-awtoritajiet regolatorji jadottaw deċiżjoni. Jenħtieġ li l-awtorità regolatorja Norveġiża tkun involuta f'din il-kooperazzjoni.

(9) Billi r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/1485 ġie adottat fuq il-bażi tar-Regolament (KE) 714/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar kondizzjonijiet għall-aċċess għan-networks għall-bdil bejn il-fruntieri fl-elettriku u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1228/2003 ([2]), it-testi tal-adattament elaborati u adottati skont id-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 93/2017 tal-5 ta' Mejju 2017 li temenda l-Anness IV (Enerġija) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE ([3]) għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 714/2009, b'mod partikolari

([1]) ĠU L 220, 25.8.2017, p. 1.
([2]) ĠU L 211, 14.8.2009, p. 15.
([3]) ĠU L 36, 7.2.2019, p. 44.

d-dispożizzjonijiet fl-Artikolu 1(1) u (5), li jipprevedu adattamenti dwar ir-rwol tal-Aġenzija għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija fil-kuntest taż-ŻEE, huma rilevanti għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/1485 fiż-ŻEE, partikolarment għall-applikazzjoni tal-Artikolu 6(8) u tal-Artikolu 7(3) tiegħu.

(10) Jenħtieġ għalhekk, li l-Anness IV tal-Ftehim dwar ŻEE jiġi emendat kif xieraq,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Dan li ġej jiddaħħal wara l-punt 50 (ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/1719) tal-Anness IV tal-Ftehim dwar iż-ŻEE:

"51. **32017 R 1485**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/1485 tat-2 ta' Awwissu 2017 li jistabbilixxi linja gwida dwar it-tħaddim tas-sistema ta' trażmissjoni tal-elettriku (ĠU L 220, 25.8.2017, p. 1).

Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, id-dispożizzjonijiet tar-Regolament għandhom jinqraw bl-adattamenti li ġejjin:

(a) Ir-Regolament ma għandux japplika għall-Iżlanda u l-Liechtenstein.

(b) Fl-Artikolu 5:

(i) Ir-referenzi għall-'popolazzjoni tal-Unjoni' fl-Artikolu 5(3)(b), għall-'popolazzjoni tar-reġjun ikkonċernat' fl-Artikolu 5(5)(b) u għall-'popolazzjoni tal-Istati Membri parteċipanti' fl-Artikolu 5(6) għandhom jinftiehmu li jinkludu l-popolazzjoni tan-Norveġja meta jitqies jekk intlaħaqx il-livell limitu tal-popolazzjoni rilevanti biex tinkiseb maġġoranza kwalifikata.

(ii) Ir-referenzi għar-'reġjuni magħmulin minn iktar minn ħames Stati Membri' fl-Artikolu 5(5) u għar-'reġjuni magħmulin minn ħames Stati Membri jew inqas' fl-Artikolu 5(7) għandhom jinqraw bħala 'reġjuni magħmula minn aktar minn erba' Stati Membri tal-Unjoni u n-Norveġja' u bħala 'reġjuni magħmula minn erba' Stati Membri tal-Unjoni u n-Norveġja jew inqas', rispettivament.

(c) Dan li ġej għandu jiżdied mal-Artikolu 12:

'Il-ftehimiet bejn it-TSOs u / jew ir-regolaturi jistgħu jiżguraw li l-informazzjoni kunfidenzjali jew sensittiva tkun protetta b'mod effettiv u jiggarantixxu li l-informazzjoni kollha li hija meħtieġa għall-iżvilupp tat-termini, il-kundizzjonijiet u l-metodoloġiji komuni tiġi ppreżentata mingħajr dewmien.'"

Artikolu 2

It-test tar-Regolament (UE) Nru 2017/1485 fil-lingwa Norveġiża, li għandu jiġi ppubblikat fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandu jkun awtentiku.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fit-12 ta' Diċembru 2020, jew fil-jum li jiġi wara l-aħħar notifika lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE *, skont liema wieħed minnhom jiġi aktar tard.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE, u fis-Suppliment taż-ŻEE, ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

* Huma indikati rekwiżiti kostituzzjonali.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Diċembru 2020.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE
Il-President
Sabine MONAUNI